# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 28 ta' Jannar 2002

Citazzjoni numru 2292/97 AJM

Kawza numru

Erikson Limited

Vs

Rook Construction Limited

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-8 ta' Ottubru 1999 li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet li hi pprovdiet lis-socjeta' konvenuta diversi xogholijiet u servizzi skond invoices li huma datati tad-19 ta' Jannar 1996 sal-15 ta' Mejju 1997 skond il-prospett hawn anness u markat bhala Dok A, u dan fil-valur komplessiv ta' tmient elef seba' mija sitta u disghin lira maltin (LM8,796); illi l-konvenut interpellat ripetutatment biex jhallas dan l-ammont baqa' inadempjenti; illi d-debitu huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet validi x'jressaq; talbet li din il-Qorti:-

1. tiddecidi l-kawza bid-dispensa tas-smigh ghat-tenur ta' l-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, u
2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' LM8,796 ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut komprisi dawk tal-mandat ta' sekwestru nru. 5119/97 u bl-imghaxijiet mid-data tal-presentata tac-citazzjoni, liema konvenut huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mill-attur.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta presentata fid-19 ta' Jannar 1998 li permezz taghha eccepiet:-

1. L-infondatezza tal-procedura adottata stante li l-azzjoni attrici hija intempestiva u ghalhekk hemm wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-azzjoni nieqsa – peress li l-allegat debitu ma huwiex dovut.
2. In-nullita' tan-notifika tac-citazzjoni stante li ma saritx fir-registered address tal-istess socjeta'.
3. L-intempestivita' ta' l-azzjoni peress li tali allegati ammonti ma humiex dovuti, stante li l-ftehim bejn il-partijiet kien li kull ammont ikun dovut biss wara li s-socjeta' konvenuta tithallas u tircevi il-flus tal-istess minghand ir-Roads Department liema ftehim sar ab initio qabel ma bdew jigu specifikati l-ordnijiet. Dwar dan jixdhu Horace Schembri u l-Perit Joseph Cassar A & C.E.
4. Fil-mertu, l-ammonti allegati huma ghal kollox esagerati.
5. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat is-sentenza taghha tat-2 ta' Ottubru 2000 meta l-ewwel tlett eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta gew michuda bl-ispejjes kontra taghha.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta' Jannar 2001 meta s-socjeta' konvenuta irtirat ir-raba' eccezzjoni taghha.

Hadet konjizzjoni tax-xiehda ta' Joseph Tabone moghtija fl-udjenza tas-27 ta' Novembru 2000 meta kkonferma li l-ammont indikat fid-dokument a fol 5 tal-process kien l-ammont attwalment dovut u li ghalhekk il-kreditu tas-socjeta' attrici kien jammonta ghas-somma ta' tmient elef seba' mija sitta u disghin lira maltin u sittax-il centezimu (LM8796.16). kif indikat ukoll fic-citazzjoni (hlief ghal sittax-il centezimu).

Illi fic-cirkostanzi billi ma hemm ebda eccezzjonijiet ohra dwar it-talbiet attrici u billi ukoll jirrizulta li l-ammont indikat fic-citazzjoni jirrizulta dovut il-Qorti filwaqt li taghmel referenza ghas-sentenza parzjali tat-2 ta' Ottubru 2000 meta l-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-konvenut gew michuda u filwaqt li ma tiehux aktar konjizzjoni tar-raba eccezzjoni billi din giet irtirata, tilqa' t-talba attrici billi tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmient elef seba' mija sitta u disghin lira maltin (LM8,796.00) bl-imghax kif mitlub u l-ispejjes apparti dawk diga decizi, kontra s-socjeta' konvenuta.

Onor Imhallef Albert J. Magri